32006R1114

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1114/2006

ta' l-20 ta' Lulju 2006

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti merkanziji fin-Nomenklatura Maqgħuda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura statistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u partikularment l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jassigura applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hu neċessarju li jkunu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-merkanziji li għalihom hemm referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 iddefinixxa r-regoli għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodivizjonijiet addizzjonali magħha u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet komunitarji speċifiċi, biex tkun implimentata t-tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ merkantili.

(3) Skond dawn ir-regoli ġenerali, il-merkanziji deskritti f'kolonna 1 tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kowd NM indikata f'kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati f'kolonna 3.

(4) Hu xieraq li jkun stiplulat li informazzjoni tat-tariffa li torbot li nħarġet mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri rigward il-klassifikazzjoni ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda iżda li mhix skond dan ir-Regolament tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun evokata min minn iżommha, skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kowd Doganali tal-Komunità [2].

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kowds Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta f'kolonna 1 tat-tabella ppreżentata fl-Anness għandha tkun ikklassifikata fi ħdan in-Nomenklatura Magħquda taħt il-kowd NM indikat fil-kolonna 2.

Artikolu 2

Informazzjoni tariffarja li torbot maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri, li mhiex skond dan ir-Regolament, tista' tkompli tiġi evokata għal perjodu ta' tliet xhur skond l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' Lulju 2006.

Għall-Kummissjoni
László KOVÁCS
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 996/2006 (ĠU L 179, 1.7.2006, p. 26).

[2] ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1. Regolament kif finalment emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 648/2005 (ĠU L 117, 4.5.2005, p. 13).

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Prodott likwidu bbażat fuq tintura ta' l-arnika (relazzjoni ta' 1:10 bejn l-arnika u l-estratt), mibjugħa bl-imnut fi flixkun b'volum ta' 50 ml u b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 45 %. Skond il-pakkett, il-prodott maħsub għall-konsum mill-bniedem għal użi għajr il-produzzjoni tal-likuri. Doża rakkomandata: minn 30 sa 50 qatra, imħallta f'nofs tazza ilma, darbtejn sa 3 darbiet kuljum	2208 90 69	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1 (d) tal-Kapitlu 13, u l-kliem tal-kodiċi NM 2208, 2208 90 u 2208 90 69. Billi xarba, il-prodott ma jistax jiġi kklassifikat fil-Kapitlu 13. Ma jistax jitqies bħala medikament tat-titlu 3004, għaliex ma jissodisfax il-kriterji tan-Nota Addizzjonali 1 tal-kapitlu 30. Il-prodott għandu jiġi kklassifikat bħala xorb spirituż tat-titlu 2208 (HSEN tat-titlu 2208, it-tielet paragrafu, punt 16).
2. Prodott likwidu mibjugħ bl-imnut fi flixkun b'volum ta' 30ml u b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 68 %, li fih: — weraq tal-lsien il-kelb (Plantago lanceolata) sagħtar (Thymus vulgaris) u fjuri ta' l-elikrisum/ sempreviva (Helichrysum italicum) 2,1 g — estratt niexef tal-propolis 84 mg — estratt imnixxef fil-friża tal-grindelja (Grindelia robusta) 45 mg — żejt essenjzali ta' l-ewkaliptu (Eucalyptus globulus) 10,5 mg — Scotch pine (Pinus sylvestris) essential oil 10,5 mg — alkoħol — ilma Skond il-pakkett, il-prodott jista' jintuża biex itejjeb in-nifs u huwa maħsub għall-konsum mill-bniedem. Doża rakkomandata: 25 qatra, imħallta f'daqsxejn ilma, 3 darbiet kuljum	2208 90 69	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, u l-kliem tal-kodiċi NM 2208, 2208 90 and 2208 90 69. Il-prodott ma jistax jitqies bħala medikament tat-titlu 3004, għaliex ma jissodisfax il-kriterji tan-Nota Addizzjonali tal-Kapitlu 30. Il-prodott għandu jiġi kklassifikat bħala xorb spirituż tat-titlu 2208 (HSEN tat-titlu 2208, it-tielet paragrafu, punt 16).
3. Prodott likwidu mibjugħ bl-imnut fi flixkun b'volum ta' 30ml u b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 70 %, li fih: — propolis (min 38 mg/ml flavonojdi totali espressi bħala galangin) 16 % bil-piż — alkoħol — ilma Skond il-pakkett, il-prodott jista' jintuża biex isaħħaħ id-difiża naturali tal-griżem u huwa maħsub għall-konsum mill-bniedem. Doża rakkomandata: 40 sa 60 qatra kuljum f'kuċċarina zokkor jew għasel.	2208 90 69	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1 (a) tal-Kapitlu 30, u l-kliem tal-kodiċi NM 2208, 2208 90 u 2208 90 69. Il-prodott ma jistax jitiqes bħala medikament tal-Ktlu 30. Il-prodott għandu jiġi kklassifikat bħala xorb spirituż tat-titlu 2208 (HSEN tat-titlu 2208, it-tielet paragrafu, punt 16).

(1)	(2)	(3)
4. Prodott likwidu mibjugħ bl-imnut fi flixkun b'volum ta' 30ml u b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 70 %, li fih: — estratt idroalkoħoliku tal-propolis (standardizzat b'estratt nattiv niexef tal-propolis) 0,6 g — alkoħol — ilma Skond il-pakkett, il-prodott maħsub għall-konsum mill-bniedem b'doża rakkomandata ta' 25 qatra darba jew darbtejn kuljum, imħallta ma' nofs tazza ilma. Jista' wkoll jintuża għall-ħasil tal-ħalq, b'25 qatra mħallta fl-ilma kif mixtieq.	2208 90 69	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 3 tal-Kapitlu 33, u l-kliem tal-kodiċi NM 2208, 2208 90 u 2208 90 69. Il-prodott ma jistax jitqies bħala ħasil il-ħalq tat-titlu 3306 għaliex mhuwiex f'forma speċjalizzata b'mod ċar għal dak l-użu (HSEN Ġenerali, ir-raba' paragrafu (b) tal-Kapitlu 33). Il-prodott għandu jiġi kklassifikat bħala xorb spirituż tat-titlu 2208 (HSEN tat-titlu 2208, it-tielet paragrafu, punt 16).
5. Prodott likwidu bbażat fuq maċerat tal- gliċerna taż-żahar tar-ribes (Ribes Nigrum) (relazzjoni ta' 1:20 bejn id-droga u l-estratt), mibjugħa bl-imnut fi flixkun b'volum ta' 100 ml u b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 38 %. Skond il-pakkett, il-prodott maħsub għall-konsum mill-bniedem għal użi għajr il-produzzjoni tal-likuri. Doża rakkomandata: 50 sa 150 qatra, imħallta f'daqsxejn ilma, kuljum	2208 90 69	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 1 (d) tal-Kapitlu 13, u l-kliem tal-kodiċi NM 2208, 2208 90 u 2208 90 69. Billi xarba, il-prodott ma jistax jiġi kklassifikat fil-Kapitlu 13. Il-prodott għandu jiġi kklassifikat bħala xorb spirituż tat-titlu 2208 (HSEN tat-titlu 2208, it-tielet paragrafu, punt 16).
6. Prodott likwidu mibjugħ bl-imnut fi flixkun ta' l-isprej b'volum ta' 30ml u b'saħħa alkoħolika bil-volum ta' 20 %, li fih: — estratt idroalkoħoliku tal-propolis 86,75 % — għasel 13 % — togħma naturali (lumi) 0,1 % — xanthan gum 0,1 % — żejt essenzjali tal-lumi (Citrus limonium) 0,05 % Il-prodott huma imballat bħala sprej għall-ħalq għall-iġjene orali. Tisprejjah direttament fil-ħalq.	3306 90 00	Il-Klassifikazzjoni hija stabbilita bir-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 2 għas-Sezzjoni VI tal-Kapitlu 33, u mill-kliem tal-kodiċi NM 33, 3306 u 3306 90 00. Il-prodott huwa f'forma speċjalizzata b'mod ċar biex jintuża għall-iġjene orali (HSEN tal-kapitlu 33, Ġenerali, ir-raba' paragrafu, punt (b)).